

Brussell, 5 ta' Lulju 2017
(OR. en)

10895/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0308 (COD)

CODEC 1189
WTO 153
COEST 164
NIS 15
PE 51

NOTA TA' INFORMAZZJONI

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-3 sas-6 ta' Lulju 2017) |

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-Relatur, is-Sur Jarosław WAŁĘSA (PPE, PL) ippreżenta żewġ emendi ta' kompromess (l-emendi 22 - 23) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOT

Meta vvotat fl-4 ta' Lulju 2017, il-plenarja adottat l-emendi (l-emendi 22 - 23) għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata u r-risoluzzjoni leġislattiva jikkostitwixxu l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari², u tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsabu fl-Anness. L-emendi huma ppreżentati fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P8_TA-PROV(2017)0285

L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-4 ta' Lulju 2017 tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (COM(2016)0631 – C8-0392/2016 – 2016/0308(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0631),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0392/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0193/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht¹;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje L tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien ma' l-att leġislattiv finali;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-1 ta' Ġunju 2017 (Testi adottati, P8_TA(2017)0236).

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Lulju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament(UE) 2017/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2017.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra,¹ (il-“Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”) jikkostitwixxi l-bażi tar-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna. It-Titolu IV tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, li jirrigwarda kwistjonijiet ta' kummerċ u dawk marbuta mal-kummerċ, ilu japplika provviżorjament mill-1 ta’ Jannar 2016². Fil-preambolu tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, il-Partijiet għall-Ftehim esprimew ix-xewqa tagħhom li jsaħħu u jwessgħu r-relazzjonijiet b’mod ambizzjuż u innovattiv.
- (2) **Sabiex jitqawwew** l-isforzi ta' riforma ekonomika **u politika** tal-Ukrajna, u jiġi appoġġat **u mħaffef** l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi eqreb mal-█ Unjoni, huwa xieraq **u meħtieġ** li jiżdiedu l-flussi tal-kummerċ li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri kummerċjali awtonomi għal ċerti prodotti industrijali skont l-aċċellerazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn █ l-Unjoni u l-Ukrajna.

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokollu relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

- (3) ***Il-Kummissjoni analizzat tal-il-ħsieb fattwali għall-għażla tal-prodotti li għandhom ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-impatt potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq il-benefiċjarji żgħar u ta' daqs medju fl-Ukrajna, u pprovdiet spjegazzjoni għal dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament **jenħtieġ li** jingħataw **għal prodotti li huma ta' benefiċċju fid-dawl ta' dik l-analiżi. Jenħtieġ li dawk il-miżuri kummerċjali awtonomi jieħdu** l-forma tal-arranġamenti preferenzjali li ġejjin: (i) kwoti ta' tariffa żero għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Annessi I u II għal dan ir-Regolament flimkien mal-kwoti ta' tariffa żero stipulati fil-Ftehim ta' **Assoċjazzjoni**, u (ii) it-tneħħija sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni (“dazji doganali preferenzjali”) fuq l-importazzjoni tal-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III għal dan ir-Regolament.***
- (4) Sabiex jiġi evitat frodi, jenħtieġ li l-jedd għall-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament ikunu kondizzjonali fuq il-fatt li l-Ukrajna tkun ikkonformat mal-**kondizzjonijiet** rilevanti kollha **biex jinkisbu l-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż** ir-regoli tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involviment tal-Ukrajna f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, **■** kif previst minn **dak** il-Ftehim.

- (5) Jenħtieġ li l-Ukrajna tastjeni milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti, u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti, jew milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kull restrizzjoni oħra. Fil-każ li l-Ukrajna tonqos milli tkun konformi ma' kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament il-miżuri ta' kummerç awtonomi kollha jew parti minnhom stabbiliti minn dan ir-Regolament.
- (6) Soġġett għall-investigazzjoni mill-Kummissjoni, huwa neċessarju li tiġi prevista l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, għal importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta.
- (7) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tissospendi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali stabbiliti minn dan ir-Regolament u tintroduċi miżuri korrettivi f'każijiet fejn produtturi tal-Unjoni huma jew jistgħu jkunu affettwati serjament mill-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (8) Jenħtieġ li l-kwoti ta' tariffa zero stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447¹, bl-eċċezzjoni tal-kwoti ta' tariffa zero għal ċerti prodotti agrikoli, li jenħtieġ li jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skont dak ir-Regolament.
- (9) L-Artikoli 2 u 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni **jipprevedu li** r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, **kif ukoll l-isforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-miżuri għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv**, jikkostitwixxu elementi essenzjali tar-**relazzjonijiet mal-Ukrajna, li huma rregolati minn** dak il-Ftehim. Huwa xieraq li tiddaħħal il-possibbiltà li l-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament jiġu temporanjament sospiżi jekk **l-Ukrajna tonqos milli tirrispetta** l-prinċipji ġenerali tal-**Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod analogu għal ftehimiet ta' assoċjazzjoni oħra li ffirmat l-Unjoni**.

¹ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

² Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347.20.12.2013, p. 671).

- (10) *Jenħtieġ li r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv, li huwa parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament.*
- (11) Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika diffiċli fl-Ukrajna, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Arranġamenti preferenzjali

1. Minbarra l-kwoti ta' tariffa żero stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Annessi I u II għal dan ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati għall-importazzjoni fl-Unjoni mill-Ukrajna fil-limiti tal-kwoti ta' tariffa żero tal-Unjoni kif stipulat f'dawk l-Annessi. Dawk il-kwoti ta' tariffa żero għandhom jiġu amministrati kif ġej:
 - (a) il-kwoti ta' tariffa żero għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2015/2447;
 - (b) il-kwoti ta' tariffa żero għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skont dak l-Artikolu.
2. Id-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti industrijali li joriġinaw mill-Ukrajna għandhom japplikaw f'konformità mal-Anness III.

Artikolu 2

Kondizzjonijiet tad-dritt għall-arranġamenti preferenzjali

Id-dritt tal-Ukrajna għall-kwoti ta' tariffa żero ***u d-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni*** introdotti mill-Artikolu 1 għandhom jiġu soġġetti għal:

- (a) il-konformità tal-Ukrajna mar-regoli tal-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-Protokoll I tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u fil-Protokoll II tiegħu dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali; il-kwoti ta' tariffa żero u d-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni introdotti mill-Artikolu 1 għal dan ir-Regolament ***għandhom japplikaw għall-prodotti li joriġinaw fi, jew jintbagħtu minn, territorju li ma jaqax taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tal-Ukrajna, jekk daww il-prodotti jkunu saru disponibbli għall-awtoritajiet tal-Ukrajna għal eżaminazzjoni, u jekk il-konformità tagħhom mal-kondizzjonijiet li jagħtu dritt għall-arranġamenti preferenzjali ġiet ivverifikata skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;***

- (b) minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-astensjoni mill-Ukrajna milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kull restrizzjoni oħra, ***inkluż miżuri diskriminatorji amministrattivi interni***;
- (c) ir-rispett tal-Ukrajna tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett tal-prinċipju tal-istat tad-dritt **kif ukoll sforzi kontinwi u sostnuti fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u attivitajiet illegali** previsti ***fl-Artikoli 2, 3 u 22*** tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni; ***u***
- (d) ***it-tkomplija mill-Ukrajna tal-konformità mal-obbligi ta' kooperazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-impjegi, il-politika soċjali u opportunitajiet indaqs f'konformità mal-Kapitolu 13 tat-Titolu IV (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) u l-Kapitolu 21 tat-Titolu V (Koperazzjoni dwar l-impjegi, il-politika soċjali u l-opportunitajiet indaqs) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 420 tiegħu.***

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja

1. Fejn il-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mill-Ukrajna mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, tista' tissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).
2. ***Fejn Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 2, il-Kummissjoni għandha tipprova opinjoni motivata fi żmien erba' xhur minn tali talba dwar jekk l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità tkunx sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-allegazzjoni tkun sostanzjata, għandha tagħti bidu għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

Artikolu 4

Klawżola ta' salvagwardja

1. Fejn prodott li joriġina fl-Ukrajna jiġi impurtat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għal produtturi fl-**Unjoni** ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq tali prodott jistgħu jergħu jiġu introdotti f'kwalunkwe ħin ■ .
2. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-impatt ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Annessi I u II, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti soġġetti għall-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament.***

3. IL-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni formali biex tagħti bidu għal investigazzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli:

- Fuq talba ta' Stat Membru; **jew**

- **fuq talba ta' kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-produtturi kollha fl-Unjoni jew proporzjon kbir minnhom ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta; jew**

- fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni **stess jekk ikun ċar għall-Kummissjoni li hemm biżżejjed evidenza prima facie tad-diffikultajiet serji kif imsemmija fil-paragrafu 1.**

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "proporzjon kbir" ifisser il-produtturi fl-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta prodotti minn dak il-proporzjon tal-industrija fl-Unjoni li jesprimi appoġġ jew oppożizzjoni għat-talba, u li jirrappreżentaw mhux inqas minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodotti simili jew il-prodotti f'kompetizzjoni diretta prodotti mill-industrija fl-Unjoni.

Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, għandha tippubblika avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar il-bidu tal-investigazzjoni. L-avviż għandu jipprovdi taqsira tal-informazzjoni riċevuta u jiddikjara li kwalunkwe informazzjoni rilevanti għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeċifika l-perijodu li matulu l-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw fil-ħsibijiet tagħhom bil-miktub. Dan il-perijodu m'għandux jeċċedi erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

4. Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa u tista' tivverifika l-informazzjoni li taslilha mal-Ukrajna jew kwalunkwe sors rilevanti ieħor. Tista' tiġi meġhuna mill-uffiċjali tal-Istati Membru li fit-territorju tiegħu tista' tintalab verifika, jekk dak l-Istat Membru jitlob tali assistenza mill-uffiċjali.
5. Meta tkun qed teżamina jekk jeżistux diffikultajiet serji kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, il-fatturi li ġejjin li jikkonċernaw produtturi tal-Unjoni, fejn l-informazzjoni tkun disponibbli:
- is-sehem fis-suq,
 - il-produzzjoni,
 - il-ħażniet,
 - il-kapaċità ta' produzzjoni,
 - l-użu ta' kapaċità,
 - l-impjegi,
 - l-importazzjonijiet,
 - il-prezzijiet.

6. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni tista', fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, testendi dan il-perijodu skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).
7. Fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar jekk iddaħħalx id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tiegħu. ***Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jerġgħu jiddaħħlu għal kemm żmien ikun hemm bżonn biex il-qagħda ekonomika u/jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni ma tibqax sejra għall-agħar, jew għal kemm żmien iddum tippersisti t-theddida li s-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Il-perijodu tad-dħul mill-ġdid m'għandux jaqbeż dak ta' sena, sakemm ma jiġix estiż f'ċirkostanzi ġġustifikati kif dovut. Fejn il-fatti kif jiġu finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jtemm l-investigazzjoni u l-proċedimenti f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).***
8. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmluha impossibbli li ssir investigazzjoni, il-Kummissjoni tista', wara li tgħarraf lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali msemmi fl-Artikolu 5(1), tiegħu kwalunkwe miżura preventiva li tkun meħtieġa.

Artikolu 5

Proċedura ta' kumitat

1. Għall-implimentazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri kummerċjali awtonomi

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv għandu jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri kummerċjali awtonomi previsti f'dan ir-Regolament u għandu jinkludi, sa fejn ikun xieraq, valutazzjoni tal-impatt soċjali ta' dawn il-miżuri fl-Ukrajna u fl-Unjoni. L-informazzjoni dwar l-użu tal-kwoti tat-tariffi relatati mal-agrikoltura għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz tas-sit web tal-Kummissjoni.

¹ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għal tliet snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

Kwoti ta' tariffa zero għall-prodotti agrikoli msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1)

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv. Għall-finijiet tal-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali jrid jiġi deċiż permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |
|----------------------|------------------|----------------------------------|---|
| 09.6750 | 0409 | Għasel naturali | 2 500 |

| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | | Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |
|---------------|--|---|--|--|
| 09.6751 | Ex 1103 19 20 ¹ 1103 19 90 1103 20 90 1104 19 10 1104 19 50 1104 19 61 1104 19 69 ex 1104 29 ² 1104 30 | Xgħir mitħun oħxon Ċereali mitħunin hoxxin (groats) u ikliet taċ-ċereali (eskluż qamħ, segala, ħafur, qamħirrum, ross u xgħir) Pritkuni taċ-ċereali, (eskluż qamħ, segala, ħafur, qamħirrum, ross u xgħir) Ħbub tal-qamħ imremblin jew imqattgħin irqaq Ħbub tal-qamħirrum imremblin jew imqattgħin irqaq Ħbub tax-xgħir imremblin Ħbub tax-xgħir imqattgħin irqaq Ħbub maħdumin (pereżempju, imfisdqa, perlati, imfella jew mitħuna fi frak oħxon), minbarra dawk tal-ħafur, tas-segala jew tal-qamħirrum Nibbieta taċ-ċereali, sħiħa, | | 7 800 |

¹ Kodiċi TARIC 1103 19 20 10.

² Kodiċijiet TARIC 1104 29 04 00, 1104 29 05 00, 1104 29 08 00, 1104 29 17 90, 1104 29 30 90, 1104 29 51 00, 1104 29 59 90, 1104 29 81 00 u 1104 29 89 90.

| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | | Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |
|----------------------|------------------|---|--|---|
| | | irrumblata, mqatta' rqiqa jew mitħuna | | |
| 09.6752 | 2002 | Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku | | 3 000 |

| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | | Volum annwali tal-kwota (il-piż nett f'tunnellati sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |
|---------------|--|--|--|--|
| 09.6753 | 2009 61 90 2009 69 11 2009 69 71 2009 69 79 2009 69 90 | <p>Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), b'valur Brix mhux oġhla minn 30, ta' valur li ma jaqbiżx it-18-il EUR kull 100 kg piż nett</p> <p>Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), ta' valur Brix aktar minn 67, ta' valur taħt it-22 EUR kull 100 kg piż nett</p> <p>Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer), b'valur Brix oġhla minn 30 iżda taħt is-67, ta' valur taħt it-18-il EUR kull 100 kg piż nett</p> | | 500 |
| 09.6754 | 1004 | Ħafur | | 4 000 |

ANNEX II

Kwoti ta' tariffa zero għall-prodotti agrikoli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1)

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali jrid jiġi deċiż permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

| Prodott | Klassifikazzjoni tariffarja | Volum tal-kwota annwali |
|---|--|--------------------------------|
| <u>Qamħ</u> komuni, spelt u taħlita ta' ċereali, dqiq, ċereali mitħunin ħoxnin, dqiq oħxon u prirkuni | 1001 90 9900 1101 00 15, 1101 00 90 1102 90 90 1103 11 90, 1103 20 60 | 65 000 tunnellata/sena |
| <u>Qamhrrun</u> , minbarra żerriegħa, dqiq, ċereali mitħunin ħoxnin, dqiq mitħun oxhon, prirkuni u ħbub | 1005 90 00 1102 20 1103 13 1103 20 40 1104 23 | 625 000 tunnellata/sena |
| <u>Xgħir</u> , minbarra dak taż-żriġħ, dqiq u prirkuni | 1003 90 00 1102 90 10 ex 1103 20 25 | 325 000 tunnellata/sena |

ANNEX III

Dazji doganali preferenzjali applikati għall-prodotti industrijali msemmija fl-Artikolu 1(2)

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali jrid jiġi deċiż permezz tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

| NM 2016 | DESKRIZZJONI | Dazji Applikati |
|------------|--|-----------------|
| | KAPITOLU 31 - FERTILIZZANTI | |
| I | | |
| 3102 21 00 | Sulfat tal-ammonju (minbarra dak f'forma ta' pritkuni jew forom simili, jew f'pakketti ta' toqol gross ta' mhux iżjed minn 10 kg) | 0 % |
| 3102 40 10 | Taħlit ta' nitrat tal-ammonju bil-karbonat tal-kalċju jew sustanzi inorganiċi oħrajn mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu ta' mhux iżjed minn 28 % bil-piż (minbarra dawk f'forma ta' pritkuni jew forom simili, jew f'pakketti ta' toqol gross ta' mhux iżjed minn 10 kg) | 0 % |
| 3102 50 00 | Nitrat tas-sodju (minbarra dak f'forma ta' pritkuni jew forom simili, jew f'pakketti ta' toqol gross ta' mhux iżjed minn 10 kg) | 0 % |
| 3105 20 10 | Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom in-nitroġenu, il-fosfru u l-potassju, b'kontenut ta' nitroġenu ta' aktar minn 10 % tal-piż tal-prodott xott anidriku (minbarra dawk f'forma ta' pilloli jew simili jew f'pakketti ta' piż gross li ma jaqbiżx 10 | 0 % |

| | | |
|------------|---|-----|
| | kg) | |
| 3105 51 00 | Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom in-nitrati u l-fosfati | 0 % |
| | KAPITOLU 32 - ESTRATTI GĦALL-IKKUNZAR JEW GĦAŻ-ŻBIGĦ; TANNINI U DERIVATTIVI TAGĦHOM; ŻEBGĦA, PIGMENTI U MATERJAL IEĦOR TAŻ-ŻBIGĦ; ŻEBGĦA U VERNIĊI; STOKK U GOMOM OĦRAJN; LINEK | |
| 320611 00 | Pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuq id-dijossidu tat-titanju, li fihom 80 % jew aktar tal-piż dijossidu tat-titanju meqjus fuq il-materjal xott | 0 % |
| | KAPITOLU 64 - XEDD GĦAR-RIĠLEJN, GETTI U BĦALHOM; BĊEJJEĊ GĦALL-OĠĠETTI MSEMMIJIN HAWN FUQ | |
| 6402 91 90 | Xedd għar-riġlejn li jkopri l-għaksa b'qigħan ta' barra u uċuħ tal-lastiku jew tal-plastik: | 0 % |
| 6402 99 98 | Xedd għar-riġlejn bil-pettijiet ta' barra tal-lastiku jew tal-plastik u l-partijiet ta' fuq tal-plastik, b'suletti interni ta' tul ta' 24 cm jew iktar, għan-nisa | 0 % |
| 6403 99 96 | Xedd għar-riġlejn tal-irġiel bil-pettijiet ta' barra tal-lastiku, plastik jew ġilda artifiċjali u uċuħ tal-ġilda (li ma jgħattux l-għaksa) b'suletti li fihom 24 cm jew iżjed | 0 % |
| 6403 99 98 | Xedd għar-riġlejn bil-pettijiet ta' barra tal-lastiku, plastik jew ġilda artifiċjali u uċuħ tal-ġilda, b'suletti interni ta' tul ta' 24 cm jew iktar, għan-nisa | 0 % |
| | KAPITOLU 74 - RAM U OĠĠETTI TIEGĦU | |

| | | |
|------------|--|-----|
| 7407 21 10 | Biċċiet u vireg, ta' liġi komuni tar-ram-żingu (ram isfar) | 0 % |
| 7408 11 00 | Wajer ta' ram raffinat, b'dimensjoni massima ta' taqsima trasversali ta' iżjed minn 6 mm | 0 % |
| | KAPITOLU 76 - ALUMINJU U OĠĠETTI TIEGĦU | |
| 7601 10 00 | Aluminju, mhux illigat, mhux maħdum | 0 % |
| 7601 20 20 | Liġi tal-aluminju mhux maħdum fil-forma ta' ċangaturi u billetti | 0 % |
| 7601 20 80 | Liġi tal-aluminju mhux maħdum (minbarra folji u billetti) | 0 % |
| 7604 21 00 | Profili vojta minn ġewwa ta' liġi tal-aluminju | 0 % |
| 7604 29 90 | Profili solidi, ta' liġi tal-aluminju | 0 % |
| 7616 99 90 | Oġġetti tal-aluminju, mhux fonduti | 0 % |
| | KAPITOLU 85 - MAKKINARJU U TAGĦMIR ELETTRIKU U PARTIJET TAGĦHOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU STAMPA U ĦOSS TELEVIŻIVI U PARTIJET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI | |
| 8525 80 99 | Kameras li jirrekordjaw filmati għajr dawk li jistgħu biss jirrekordjaw il-ħoss u l-istampi meħuda bil-kamera tat-televiżjoni | 0 % |
| 8528 71 19 | Tuners tal-filmati (bl-eskl. ta' assemblaġġi elettroniċi li jridu jiġu inkorporati f' magni awtomatiċi li jipproċessaw data u apparati b'tagħmir ibbażat fuq mikroproċessuri li fihom modem sabiex jinkiseb aċċess għall-Internet u b'funzjoni ta' | 0 % |

| | | |
|------------|--|-----|
| | skambju interattiv ta' informazzjoni li kapaċi jirċievu sinjali tat-televiżjoni "kaxex set-top b'funzjoni ta' komunikazzjoni") | |
| 8528 71 99 | Tagħmir ta' riċezzjoni għat-televiżjoni, kemm jekk jinkorporaw riċevituri tax-xandir bir-radju jew apparat li jirrekordja l-ħoss jew filmati jew apparat ta' riproduzzjoni kif ukoll jekk le, mhux iddisinjati biex jinkorporaw skrin jew display tal-filmati (bl-eskl. ta' tuners tal-filmati, set-top boxes b'funzjoni ta' komunikazzjoni) | 0 % |
| 8528 72 40 | Apparati tas-servizz għat-televiżjoni, tal-kulur, bi skrin LCD | 0 % |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni relatata mal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-miżuri
kummerċjali awtonomi temporanji (ATMs) għall-Ukrajna**

Il-Kummissjoni tinnota li jekk ma jkunx possibbli li tiġi implimentata s-sospensjoni tal-arranġamenti preferenzjali qabel l-użu sħiħ tal-kwoti annwali b'rati ta' dażju għall-prodotti agrikoli, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tipproponi tnaqqis jew sospensjoni ta' dawn il-konċessjonijiet fis-snin li ġejjin.
